MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 46

24 ta' Jannar 2023

Minuti tas-seduta Nru. 46 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2023 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra s-Sindku D. Vella, u l-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar u G. Micallef; u li segwew is-seduta b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuti 2.1.3. tas-seduta preċedenti **(Ref: T/4/5/Vol IV)** u talbet li din tinqara kif ġej:

*"2.1.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li kemm-il darba d-diviżjoni tal-Gvern Lokali allokat baġit ta' €143,000, għat-tindif ta' toroq urbani, dawn għandhom jiġu minfuqa għal dan il-għan, anke jekk dan ikun ifisser tnaqqis fin-nefqa fuq attivitajiet fejn m'hemmx l-obbligu statutorju li jsiru, bil-għan li jingħata servizz xieraq.".*

1.3. Il-minuti tas-Seduta Nru. 45, li saret fit-28 ta' Diċembru 2022, ġew approvati bl-emenda t'hawn fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Andament tal-Villaġġ tal-Milied (A/5/6/3/Vol XVII)

2.1.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minita 2.4.3. tas-seduta preċedenti dwar id-dħul mis-sezzjoni tar-ritratti ma' *Father Christmas,* il-bejgħ tal-punżjetti u l-lotterija, li sari b'riżq il-*Community Chest Fund*. Huwa qal li ġiet ppreżentata s-somma totali ta' €1,735 lill-President ta' Malta l-Eċċ. Tiegħu George Vella fl-10 ta' Jannar 2023 fil-Palazz ta' San Anton. Din tinkludi wkoll l-flus miġbura mill-Għaqda Mużikali Imperial.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.2.1. Tħejjijiet marbuta ma' Lejlet l-Ewwel tas-Sena u l-Epifanija**
**(A/5/3/7)(A/5/5/Vol X)**

2.2.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna għall-wirja piroteknika tal-ajru li ngħatat hekk kif qalbet is-sena, li ħadet madwar għaxar minuti. Huwa qal li kien hemm attendenza numeruża fi Triq Ġnien Ingraw, filwaqt li ispettaklu kien segwita minn diversi nħawi tal-lokalità.

2.2.3. Il-Kunsillier M Abela aċċenna għall-mużika li ndaqqet waqt il-wirja u baqgħet sejra sas-1:30am, li kkawżat inkonvenjent f'dawk il-ħinijiet.

2.2.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li kien ikun aktar xieraq li l-mużika ndaqqet biss waqt il-wirja piroteknika.

**2.3.1. Kuntratt Reġjonali li jipprovdi għall-ġbir ta' skart domestiku (K/6/2/Vol V)**

2.3.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li fil-parti l-kbira tiegħu l-andament tas-servizz li qed jingħata taħt il-kuntratt li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023, kien sodisfaċenti. Il-problemi li nqalgħu kienu jinvolvu l-ġbir tal-iskart kummerċjali, li mhemmx provdut għalih fl-istess kuntratt, minkejja li dan kien jinġabar mingħand negozji żgħar bis-servizz taħt il-kuntratti preċedenti. Spjega li minħabba dan, il-Kunsill Reġjonali talb sabiex jiġu ndikati toroq fejn jeżistu l-maġġoranza ta' tali stabbilimenti, bil-għan li dawn jiġu koperti bil-kuntratt l-ġdid. It-toroq indikati jinkludu Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, il-parti t'isfel ta' Triq il-Fortizza, Triq in-Nases, Triq l-Etna, Triq in-Naħal, Triq l-Għoljiet, u Triq Sant' Anna. Fil-Manikata ġiet indikata Triq il-Knisja l-Qadima.

2.3.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jispjega li fil-każ tal-iskart riċiklabbli ġġenerat minn stabbilimenti kummerċjali, intlaħaq qbil bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, u l-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni (CMD), sabiex jinġabar minn negozji żgħar, mis-CMD nhar ta' Ħamis wara nofsinhar.

2.3.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar lmentat li l-kartun illi qed jinħareġ mid-djar mhux qed jinġabar mill-kuntrattur. Il-Viċi Sindku kkonferma dan u qal li huwa ġibed għarraf lill-President tar-Reġjun sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur ewlieni dwar dan l-obbligu.

**2.4.1. Malta *Olympic Sports Awards* 2022 (N/1/Vol II)**

2.4.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna għall-minuta 5.7.1. tas-seduta preċedenti u qal li fit-12 ta' Jannar 2023 kien hemm il-preżentazzjoni tal-premju tal-ewwel post mogħti fil-kategorija tal-Kunsilli Lokali. Dan ġie ppreżentat mis-Segretarju tal-Kumitat Olimpiku is-Sur Kevin Azzopardi. Għall-istess okkażjoni attenda wkoll is-Sindku D. Vella.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Ipparkjar ta' vetturi sejrin lejn Għawdex (T/3/3/Vol V)**

2.5.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg staqsa dwar jekk saret rappreżentazzjoni ma' Transport Malta bil-għan li jiġi evitat serbut twil ta' vetturi sejrin lejn Għawdex fi Triq il-Marfa, li jibda miċ-Ċirkewwa u jasal sal-Għadira. Huwa qal li din il-materja għandha tiġi trattata qabel il-Karnival tan-Nadur li jattira ħafna Maltin lejn għawdex.

2.5.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li biex s-serbut ta' vetturi jmur fi Triq Wied Musa, għandu jkun hemm uffiċjali fi Triq il-Marfa kantuniera ma' Triq Wied Musa, fi Triq iċ-Ċirkewwa kantuniera ma' Triq il-Latnija u quddiem id-daħla għall-parkeġġ tal-Paradise Bay Resort.

**2.6.1. Oqsma ta' koperazzjoni bejn Cavriglia u l-Mellieħa (K/1/5/3/Vol II)**

2.6.2. Il-Kunsillieri K. Buttigieg rrefera għall-minuta 2.6.3. tas-seduta ta' qabel u għarraf li d-direzzjoni tal-Mellieħa Football School (MFS) kellha laqgħa mal-ġenituri tat-tfal li jixtiequ

jmorru Cavriglia bejn id-9 u l-15 ta' Lulju 2023. Il-MFS qed jippjanaw li n-numru ta' tfal ikun 24, li jkunu akkumpanjati minn żewġ membri tal-kumitat, żewġ kowcis, u tnejn jew tliet membri tal-Kunsill. Huwa talabhom sabiex iżommu l-Kunsill infurmat bil-kuntatti li jkunu għaddejjin mal-Comune di Cavriglia.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil li l-Kunsillieri K. Buttigieg, G Micallef, flimkien mas-Sindku D. Vella, għandhom jakkumpanjaw lill-grupp.

**2.7.1. Rikostruzzjoni tat-Triq il-Marfa (Għadira) (T/3/3/Vol IV)**

2.7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.9.1. tas-seduta preċedenti u wera pjanti tal-proġett imsemmi li kienu ġew mgħoddija lill-Kunsill minn Infrastructure Malta.

2.7.3. Il-Kunsill innota li ser jitħalla spażju biżżejjed fil-karreġġjata tan-naħa tal-*promenade* biex vetturi li jkunu pparkjati fil-formazzjoni *fishbone*, jkunu jistgħu joħorġu minn posthom mingħajr ma jokkupaw il-korsija lejn il-Mellieħa.

**2.8.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)**

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.8.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li għall-ħarġa lejn il-Birgu li saret fid-19 ta' Jannar 2023. Hija qalet li din kienet waħda nteressanti bi żjara fil-Mużew tal-Parroċċa ta' San Lawrenz fejn hemm temporanjament esibità x-xabla tal-Granmastru La Valette. Hija pproponiet li ż-żjara li jmiss issir lejn il-Belt Valletta, u tkun tinkludi il-Mużew Nazzjonali tal-Arti fl-Auberge d'Italie fil-21 ta' Frar 2023.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposta skont il-minuta 2.8.2.

**2.9.1. Taħditiet dwar kundizzjoni fiżika tajba (E/3/1/11/Vol II)**

2.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li jsiru tmien taħditiet dwar is-suġġett imsemmi bil-prezz ta' €55 kull sessjoni. Dawn jingħataw fis-Sala tal-Kunsill.

2.9.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrakkomanda li t-taħditiet jsiru fil-Park tal-Familja.

2.9.4. Il-Kunsill qabel li jsiru s-sessjonijiet imsemmija, filwaqt li l-post jista' jiġi determinat aktar tard

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma saret ebda mistoqsija.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda ta' Xiri Meħtieġ – 20/01/23;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 21/12/22 – 31/12/22;
- Skeda ta' Pagamenti – 24/12/22 -20/01/23;
- Rendikont Finanzjarju – Lulju/Settembru 2022;
- Minuti – Kunsill Reġjonali Tramuntana – 19/12/22;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li daħlet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

**5.1.1. Sede għall-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti – Mellieħa (P/10/3A)**

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 11 ta' Jannar 2023, fejn l-għaqda msemmija appellat għall-għajnuna tal-Kunsill sabiex ikollhom sede minn fejn jiffunzjonaw bħala għaqda volontarja.

5.1.3. Il-Kunsillier J. Gauci qal li l-proprjetà għandha tingħata wara sejħa pubblika, kif sar fil-każ tat-Torri l-Abjad.

5.1.4. Fid-dawl tal-fatt kien hemm talba diretta minn għaqda bbżata fil-lokalità, il-Kunsill qabel fil-prinċipju li l-kumpless tal-irżieżet f'Selmun, jew parti minnhom, għandhom jiġu offruti lill-istess għaqda bl-istess kundizzjonijiet li proprjetà devoluta oħra kienet ġiet fdata lill-għaqdiet oħra fil-lokalità.

### 5.2.1. Sparatura fuq il-plattini (S/6/Vol VI)

5.2.2. Sar aċċenn għal imejl datat 11 ta' Jannar 2023, fejn l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa appellaw sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' sparatura ġewwa l-aħrax fil-11 u 12 ta' Frar 2023.

5.2.3. Il-Kunsill laqa' it-talba, sakemm l-involviment tiegħu ma jeċċedix €250.

### 5.3.1. Passaġġ bejn ir-Ramla tal-Bir u r-Ramla tal-Kejli (A/6/2)

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Diċembru 2022, fejn l-operatur tar-Ramla Bay Hotel talab li jingħalaq temporanjament passaġġ pubbliku li hemm biswit il-lukanda, sakemm isir it-twaqqiegħ tal-binja eżistenti u jitqatta l-blat, għal raġunijiet ta' siġurtà.

5.3.3. Fuq proposta mressqa mill-Kunsillier E. Bartolo, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir *hoarding* b'tali mod illi jitħallew 1.2 metri minnu sabiex jibqa' passaġġ pedonali għall-pubbliku. Din ir-rakkomandazzjoni saret mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' terzi u hija limitata għall-aspett tas-saħħa u s-sigurtà tat-talba li saret mill-iżviluppaturi. Il-Kunsill kien tal-fehma wkoll li l-implimentazzjoni ta' dan l-arranġament huwa soġġett għall-akkwist ta' kwalunkwe permess, liċenzja jew awtorizzazzjoni oħra minn entitajiet pubbliċi konċernati, skont il-liġi.

### 5.4.1. Siġra tal-palm fi Triq l-Għollieqa (A/3/Vol III)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' Jannar 2023, fejn resident ilmenta li siġra tal-palm li tinsab fi Triq l-Għollieqa qed tipperikola l-proprjetà tagħha, partikularment meta jkun riħ qawwi. Intqal ukoll li ż-żokk tal-istess siġra qiegħed eżatt fil-bieb tad-*defence post* tat-Tieni Gwerra Dinjija.

5.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li din it-talba nġiebet għall-attenzjoni tal-Awtorità tar-Riżorzi u l-Ambjent, li minn naħa tagħhom ikkummentaw li s-siġra in kwistjoni mhijiex protetta skont ir-Regolamenti tal-2018 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar, S.L.549.123 u għalhekk m'hemm l-ebda ħtieġa għal permess mill-ERA għat-tneħħija tagħha. Minkejja dan ġibdu l-attenzjoni li t-tneħħija tas-siġra tal-palm, għandha tingħata attenzjoni xierqa biex ma ssirx ħsara lid-*defence post*.

5.4.4. Il-Kunsill innota l-permess miksub u ddeċieda li l-palma titneħħa mill-kuntrattur tal-Kunsill.

### 5.5.1. PA7886/22 - Installazzjoni latrina prefabbrikata fl-Għadira (P/5/8/G)

5.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li saret applikazzjoni mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu sabiex tiġi ntrodotta l-faċilità msemmija fuq il-*promenade* tal-Għadira fi Triq il-Marfa faċċata tar-*roundabout* ta' quddiem l-Għassa tal-Pulizija.

5.5.3. Il-Kunsill Lokali ma sab ebda oġġezzjoni għall-utilità tal-proposta per se', madankollu kien tal-fehma li l-aperturi kollha għandhom iħarsu lejn ix-xatt, bil-għan li jitnaqqas l-impatt viżwali tal-istruttura, kemm-il darba din ma tkunx tista' titqiegħed dahar ma' dahar mal-*bus shelter*.

**5.5.4. PA 4061/22 – Bdil fl-użu ta' garaxx u dar f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II għal ristorant** **(P/5/8/Z)**

5.5.5. Ġie spjegat li l-applikazzjoni tinvolvi l-bdil ta' garaxx u dar li jinfdu sabiex jintużaw bħala ristorant u ssir tabella mal-faċċata tiegħu. Ġie spjegat li l-*footprint* tal-iżvilupp propost jestendi għal taħt Triq il-Kappillan Magri u t-taraġ ta' Triq il-Madonna tal-Għar. Kien spjegat li l-konsultazzjoni dwar l-applikazzjoni qed terġa' ssir peress li l-applikant żied il-*footprint* billi ntegra l-ewwel fond li jinsab biswit Triq il-Madonna tal-Għar sal-istabbiliment bl-isem "Starbucks" – numri 11, 12 u 13.

5.5.6. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux ikun hemm oġġezzjoni għall-iżvilupp propost, sakemm:

(a) It-tqegħid ta' infrastruttura marbuta ma' utilitajiet pubbliċi fi Triq il-Kappillan Magri, ma tiġix kompromessa mill-medda ndikata għall-iżvilupp propost;

(b) Kwalunkwe tabelli fuq barra tal-istabbiliment għandhom ikun f'armonija mal-ambjent tal-madwar, possibilment bl-użu tal-injam, peress li l-post jinsab fiż-żona ta' konservazzjoni urbana; u

(c) Is-sistema tal-ventilazzjoni m'għandiex tiżbokka fil-livell tat-triq.

**5.6.1. Sessjoni tal-pilates fiċ-Ċentru Anzjanità Attiva** **(A/1/2/Vol VII)**

5.6.2. Saret referenza għall-imejl datat 24 ta' Jannar 2023, fejn is-*supervisor* inkarigata miċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa aċċennat li n-numru ta' persuni reġistrati telgħa għal 200, filwaqt li attwalment qed isiru żewġ sessjonijiet tal-pilates u oħra tal-aerobics iffinanzjati mill-Kunsill. It-tlett sessjonijiet huma mimlijin, filwaqt li hemm domanda għal aktar. Għadaqstant sar appell sabiex il-Kunsill jikkunsidra l-possibilta li tiżdiet sessjoni ohra.

5.6.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**5.9.1. Attivitajiet sportivi organizzati mir-Reġjun Tramuntana** **(S/4/2/Vol V)**

5.9.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.4.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li għadu ma rnexxielux jagħmel kuntatt mal-uffiċjal konċernat fir-Reġjun Tramuntana li qed jikkordina din l-inizjattiva.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.10.1. *Hoarding* matul sit ta' kostruzzjoni fi Triq Sant' Anna** **(P/5/2/Vol II)**

5.10.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għal *hoarding* fi Triq Sant' Anna, bejn Triq in-Nofsinhar u Triq il-Kappillan Magri. Huwa qal li dan issa tneħħa u jista' isir ipparkjar ta' vetturi.

5.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.11.1. *Community Greening Grants*** **(P/4/27)**

5.11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għal imejl datat 25 ta' Jannar 2023, fejn ir-Reġjun Tramuntana kkomunika t-tnedija tal-*Urban Greening Project,* li ser jingħataw dettalji dwaru fl-laqgħa nformattiva li ser tissejjaħ fil-jiem li ġejjin mill-aġenzija Project Green.

5.11.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li proġett illi potenzjalment eliġibbli għall-finanzjament taħt din l-iskema huwa l-iżvilupp ta' art konċessa mill-Kurja Arċiveskovili, li tinsab bejn Triq l-Etna, Triq l-Għasel, u Triq Monsinjur Franġisk Xuereb.

**5.12.1. Ftuħ tal-Għassa tal-Pulizija (P/9/4)**

5.12.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li l-Pulizija tal-Komunità qed iħallu mpatt fost ir-residenti f'dik li hija preżenza fit-toroq, iżda minn naħa l-oħra qed ikun hemm ilmenti li mhemmx fejn wieħed jagħmel rapport u għalhekk wieħed qed ikollu jmur jagħmel dan fl-għassa tal-Qawra. Huwa qal li b'popolazzjoni li taqbeż ħdax-il elf ruħ, il-lokalità jimmeritaha għassa li tkun miftuħa.

5.12.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinkiteb ittra f'dan is-sens lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**5.13.1. Kors dwar id-dimensia (E/3/2/Vol II)**

5.13.1. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 23 ta' Jannar 2023, mibgħut mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar programm edukattiv onlajn imsejjaħ iSupport li huwa kors ta' għajnuna għal dawk li jieħdu ħsieb persuni bid-dimensja, imfassal mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). L-għan tal-kors huwa sabiex il-Kunsilli Lokali u Reġjonali kollha ikollhom persuni li jistgħu jagħtu s-support tagħhom lir-residenti li jeħtieġuħ.

5.13.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti..

**5.14.1. Laqgħat għall-għaqdiet volontarji (G/1)**

5.14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal ċirkulari mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tat-23 ta' Jannar 2023 fejn il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) għandu l-ħsieb li jniedi l-inizjattiva flimkien mal-Kunsilli Lokali sabiex jiltaqa' mal-għaqdiet volontarji fil-lokalitajiet. Din l-inizjativa hija maħsuba sabiex l-MCVS ikun f'pożizzjoni aħjar li jgħin lis-Settur tal-Volontarjat. Ġiet spjegat li l-iskop ta' dawn il-laqgħat huwa sabiex l-MCVS jiltaqa' ma' dawn l-għaqdiet u jinfurmahom bl-opportunitajiet ta' għajnuna li jeżistu għas-settur tal-Volontarjat kif ukoll jisma' l-problemi li qed jaffaċċjaw, sabiex jiġu ndirizzati aħjar ir-realtajiet diversi li jiltaqgħu magħhom. L-MCVS ser jipprovdu l-kelliema, u l-materjal kollu li jrid jitqassam lill-għaqdiet.

5.14.3. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti s-sehem tiegħu f'din l-inizjattiva.

**5.15.1. Laqgħa mal-Assistent Kap tal-Iskola Primarja (S/3/3/)**

5.15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fis-16 ta' Jannar 2023 kellha laqgħa mat-tfal tas-sitt sena, fejn rriżulta li:

- Ftit mit-tfal kienu jafu li jeżisti l-Kunsill Lokali;
- Hemm il-ħtieġa ta' aktar tagħrif dwar is-separazzjoni tal-iskart;
- Jiżdiedu l-*litter-bins* f'postijiet diżabilitati;
- Iridu jkun hemm aktar spażji msaġġra fil-beraħ għall-pubbliku; u
- Ħtieġa ta' *cat cafe's* u *dog parks*.

5.15.3. Il-Kunsillier M. Abela ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ jinqata l-ħaxix fid-dog park biswit il-Park tal-Familja.

5.15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.16.1. Kontroll ta' abbużi fil-Park tal-Familja (P/9/4)**

5.16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li spiss jiġu rrappurtati abbużi fil-Park tal-Familja, li jinkludu vandaliżmu, kliem ħażin minn klikkek ta' żgħażagħ, użu ħażin tal-faċilitajiet, eċċ. Għaldaqstant hija pproponiet li jsir aċċenn dwar dan mill-Pulizija tal-Komunità.

5.16.3. Kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jitqajjem fil-laqgħa li jmiss mal-Pulizija tal-Komunità.

**5.17.1. Jum Dinji tal-Epilepsija** **(K/11)**

5.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-ċirkulari datata 23 ta' Jannar 2023, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed iħeġġu l-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali billi jinxgħtelu l-binijiet jew il-monumenti b'dawl vjola bejn is-Sibt 11 ta' Frar u t-Tnejn 13 ta' Frar 2023. Il-kampanja qed issir mill-Caritas Malta Epilepsy Association.

5.17.3 Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa bil-mixgħela tal-monument fi Triq Edward Camilleri u tal-binjiet f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

**5.18.1. Ipparkjar quddiem il-maħżen tal-armar tal-Festa fi Triq il-Kappillan Magri** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.18.2. Il-Kunsillier M. Abela qal li l-Grupp tal-Armar qed isib diffikultà biex jgħaddu bl-armar qabel u wara l-festa, billi jkun hemm vetturi pparkjati eżatt mal-bieb tal-istess maħżen, li jinsab biswit it-taraġ. Huma talbu li ssir bankina.

5.18.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li ma tistax issir bankina peress li għatiebu huma baxxi. Għaldaqstant għandha ssir talba lill-Kunsill sabiex il-post jitħalla ħieles minn vetturi pparkjati kull meta jkun meħtieġa.

**6.1. Impjieġ ta' Uffiċjal fi Skala 15 – Ħatra ta' Bord tal-Intervista** **(P/7/1/Vol XVII)**

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf illi wara sejħa li saret fost impjegati tal-Kunsilli Lokali dwar il-vakanza msemmija, ma kien hemm ebda rispons għaliha. Sussegwetement saret talba lill-Jobsplus sabiex jgħaddu lista ta' persuni li għandhom ir-rekwiżi stabbiliti fl-L.S. 363.20. Permezz ta' imejl datat 17 ta' Jannar 2022, Jobsplus għaddew lista' ta' 28 persuni sabiex jiġu ntervistati.

6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u appunta lis-Sindku D. Vella, l-Viċi Sindku J. Buttigieg, l-Kunsillier E. Bartolo, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono u l-Uffiċjal M. Gambin, bħala membri fuq il-Bord tal-Intervista.

7.1. **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier K. Buttigieg, illi tgħid:"Billi l-kuntratt li jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq mhux Urbani, ġie tterminat mill-Kunsill;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (MLC 12/2022) skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), sabiex jingħata servizz ta' tindif f'toroq mhux urbani fin-nofsinhar tal-lokalità, liema offerti ġew evalwati, skont ma' jidher mir-rapport datat l-1 ta' Jannar 2023; u**

**Billi l-Kunsill ivvota somma fl-Estimi għas-sena 2023, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3052;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent is-Sur Paul Bezzina illi jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' erba' snin, b'effett mill-1 ta' Frar 2023, skont ir-rati mogħtija fid-dokument tal-offerta.".**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

8.1. **Sejħa għall-offerti MLC 11/2022 – Servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani fiż-żona tat-tramuntana tal-lokalità.** **(T/4/6/Vol IV)**

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-ħames offerti li saru għandhom jiġu rifjutati abbażi tad-dokumentazzjoni sottomessa, jew nuqqas ta' tagħha, anke meta ntalbet, fejn dan kien permess mir-regolamenti. Għaldaqstant saret sejħa għall-offerti ġdida, li ġiet ippubblikata fl-20 ta' Jannar u li tagħlaq fid-9 ta' Frar 2023.

8.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**9.1. Sistema ta' *one ways* fil-Manikata** **(T/3/2/Vol XVI)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fl-20 ta' Jannar 2023 saret laqgħa ma' xi residenti tal-Manikata, li attendew għaliha wkoll, is-Sindku D. Vella, u l-Viċi Sindku J. Buttigieg. Fl-istess laqgħa kien propost li:

- Triq Dun Manwel Grima, parti minn Triq l-Għasafar, u Triq ir-Raħħala jsiru *one-way*, bi bi dħul minn Misraħ il-Parroċċa;
- Trejqet il-Ħarrub issir *one-way* fid-direzzjoni ta' Triq il-Wilġa/Triq il-Manikata bi dħul minn Triq il-Mejjiesa;
- Triq il-Mejjiesa tibqa' *one-way* fil-parti bejn Trejqet il-Ħarrub u Triq il-Knisja l-Qadima bi dħul minn tal-aħħar;
- Triq il-Knisja l-Qadima ssir *one-way* 'l fuq bi dhul minn Triq Dun Manwel Grima/Triq il-Fuħħar/Triq ix-Xifer/Triq il-Manikata/Triq il-Biedja; u
- Triq il-Manikata ssir *one-way* l'fuq bi dħul minn Triq il-Wilġa/Triq il-Kappella tal-Militar/Trejqet il-Ħarrub fid-direzzjoni ta' Triq il-Knisja l-Qadima/Triq il-Biedja.

9.3. Wara diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li r-residenti tal-Manikata mhux ser jiġu aġevolati bit-tibdil propost, anżi ser ikunu f'pożizzjoni agħar milli attwalment huma, peress li:

- Il-volum tat-traffiku mhux ser jiġi affettwat;
- Ikun hemm interċettazzjoni ta' traffiku f'direzzjonijiet oppositi fi Triq il-Mejjiesa ma' Triq il-Knisja l-Qadima; u
- Jiżdied it-tniġġiż fil-parti urbana tal-Manikata kemm-il darba Triq il-Knisja l-Qadima ssir *one-way* għat-telgħa.

**10.1. Xogħlijiet fiċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji** **(C/7)**

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-kontroversja li nqalgħet fil-media soċjali dwar it-tneħħija ta' lapidi mwaħħla ma' wieħed mill-ħitan taċ-ċimiterju msemmi. F'imejl datat 17 ta' Jannar 2022, id-Dipartiment tas-Saħħa appoloġizza mal-persuna li lmentat dwar dan, li l-plakki twaħħlu mingħajr ebda permess, kif ukoll li l-qraba tal-persuni li dawn kienu jappartjenu ma setgħux jiġu rintraċċati, u għalhekk twaħħal avviż mal-kanċell taċ-ċimterju fit-22 ta' Diċembru 2022. Fl-imejl intqal ukoll li avviżi futuri jistgħu jintbagħtu lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa biex il-pubbliku jkun infurmat aħjar.

10.3. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li huwa kiteb lid-Dipartiment sabiex jagħti deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol li hemm ippjanat. Fl-istess korrispondenza ntqal ukoll li l-Kunsill jista' jgħin sabiex jinstabu l-familjari tal-persuni li jidhru fuq il-lapidi.

10.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**11.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2022** **(F/1/1/Vol IV**

11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar / Settembru 2022 ammonta għal €1,180,654, li jikkonsisti f'€1,124,666 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €50,909 kienu miżati marbuta ma' attivitajiet li jeħtieġu l-ħruġ ta' permessi mill-Kunsill Lokali, u €5,044 kienu relatati mal-Infurzar tal-Liġi u dħul ieħor.

11.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti naqas b'€99,039 meta mqabbel mas-sit xhur ta' qabel u kien ta' €1,925,760. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal

€1,925,760, Stokks ta' kotba li l-valur tagħhom kien ta' €17,789, flimkien ma' flejjes oħra li l-Kunsill kellu jdaħħal li ammontaw għal €43,842.

11.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti netti żdiedu meta mqabbla mas-sitt xhur ta' qabel, minn €715,046, għal €716,058. Dawn kienu magħmula minn ammonti ffatturati (€329,119), u dovuti (€355,081) fir-rigward ta' spejjeż akkumulati, iżda li ma kienux iffatturati sa tmiem il-perjodu kopert b'dan ir-rendikont. Kien hemm Dħul Differit €31,858 relatat ma' somom imħallsa bil-quddiem b'rabta ma' skemi mnedija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

11.5. In-nefqa kienet tikkonsisti minn €169,282 fuq pagi tal-impjegati u *allowances* tal-membri tal-Kunsill, €523,795 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €35,577 fuq Amministrazzjoni, filwaqt li Deprezzament fuq assi permenant ġie kkalkulat għal €357,795.

11.6. Meta titqies in-nefqa totali ta' €1,086,449, irriżulta bilanċ pożittiv ta' €94,208 mill-bidu tas-sena. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha, l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja naqas b'8% fuq it-tliet xhur ta' qabel għal 101%.

11.7. Is-Segretarju Eżekuttiv għalaq billi qal li, mill-bidu tas-sena finanzjarja, żdiedu assi permanenti b'kemm jiswew ta' €404,289, filwaqt li ma ġew ikkanċellati ebda assi li kienu reġistrati. L-ispiża oriġinali fix-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €13,017,917 li l-valur nett tagħhom fil-kotba, sa' Settembru 2022, kien ta' €2,029,919.

11.8. Il-Kunsill innota l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie approvat ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf

**12.1. Estimi Finanzjarji 2023 – Proġetti Kapitali** **(F/1/34)**

12.1. Dan is-suġġett ġie mħolli għal seduta oħra peress li kien sar il-ħin.

13.1. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

13.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 20 ta' Jannar 2023. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

13.3. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash,* bejn il-21 u l-31 ta' Diċembru 2022.

13.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-24 ta' Diċembru 2022 l-20 ta' Jannar 2023.

13.5. Il-Kunsill approva l-akkwist u_l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-Kunsillieri kollha, is-seduta spiċċat fis-7:30 pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar 2023 fis-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |